# Lara tiskopri aktar dwar il-Malti

JUSTINE SOMERVILLE

Lara trid tikteb komponiment dwar x'tixtieq issir la tikber u did-darba s-Sur Brincat jixtieqhom jittajpjawh minflok jiktbuh. Malli qalilhom bih bdiet tikkonfondi: Lara ma tafx x'karriera tixtieq taqbad la jasal il-waqt u l-Malti tużah biss fil-messaġġi lil sħabha. U f'dawn il-messaġġi qatt ma tuża l-ittri Maltin.

Lara l-istudju tieħdu b'serjetà u tixtieq tagħmel biċċa xogħol tajba. Minn fejn taqbad tibda? Is-Sur Brincat donnu qralha moħħha u fakkarhom fil-werrejja (jiġifieri bookmarks) li ftit tal-jiem ilu tqassmu lill-istudenti kollha. Lara ftakret li l-werrejja tagħha qiegħda fi ktieb fuq il-komodina; malli waslet id-dar ġriet sal-kamra, qabdet il-mobile, u skennjat il-kodiċi QR ta' fuqha.

Is-soluzzjoni għat-tieni problema sabitha f'paġna 13! In-nanna Marthese xejn ma jogħġobha dan in-numru u Lara qatt ma fehmet għaliex. Lilha ġabilha r-risq. Skopriet li l-ittri ċ, ġ, ħ u ż tista' tiktibhom billi tniżżel app fil-mobile u t-tablet jew billi tattiva l-Malti fil-language bar tal-laptop. Kemm kienet inkwetat għalxejn, jaħasra! Imxiet ma' dak li hemm miktub u f'ħakka t'għajn sabet l-ittri kollha li għandha bżonn. Daqshekk sempliċi!

Hi u tqalleb il-ktejjeb diġitali bdiet tinduna kemm fih affarijiet utli: ħoloq (jiġifieri links) għal intervisti ma' awturi, filmati interessanti, u rivisti li tista' taqra fuq

l-internet stess; kurżitajiet fuq ilsienna; tagħrif fuq korsijiet u għaqdiet tal-Malti; u – b'sorpriża sabiħa għal Lara – informazzjoni fuq xogħlijiet li tista' tagħmel jekk tkun taf tħaddem il-lingwa!

Lilha l-Malti jogħġobha. Mhux il-Malti biss, fil-fatt. L-Ingliż ukoll. U tieħu gost tisma' lil sħabha barranin u lit-turisti jitkellmu b'lingwi differenti, anki jekk għalissa ma tifhimhomx għax għadha ma bdietx tistudjahom. Fil-ktejjeb Lara qrat li la tikber tista' ssir traduttriċi jew interpreta u taqleb kitbiet jew diskorsi minn lingwa għal oħra. Għoġbuha mill-ewwel dawn iż-żewġ karrieri u issa qed tieħu gost tfittex fuqhom. Fl-aħħar tista' tibda tittajpja l-komponiment dwar x'tixtieq issir la tikber, għax bis-saħħa tal-ktejjeb, minbarra l-ittri tal-Malti, skopriet żewġ xogħlijiet li jinteressawha.

*Int ukoll tista' tkompli tiskopri fuq ilsienna mill-ktejjeb!*

*Justine Somerville hija lettriċi tal-Malti fl-Università ta' Malta. Dan l-artiklu deher fis-*Sagħtar*, nru 378, sajf 2023.*